Qorti Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Att tal-Akkuza Nru. 2/2017

Ir-Repubblika Ta' Malta

Vs

Xandru Kristin Mamo

Illum 29 ta' Novembru, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-konfront ta' Xandru Kristin Mamo, detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 220992M fejn gie akkuzat talli:

Nhar id-19 ta' April, 2014, gewwa l-fond St. Peter & St. Paul Court, Flat 16, Triq Guzeppi Grech, Xaghra, Ghawdex ghal habta tas-sebgha ta' filghodu (7am):

1. Bil-hsieb li joqtol lil Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 495165M) jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt sar bl-aggravanti tal-Artikolu 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 49565M) liema offizi ikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi partijiet tal-gisem, u kif ukoll gab difetti

permanenti f'partijiet tal-ghamla tal-gisem tal-imsemmija persuna u dan bi strument li jaqta' u bil-ponta u li jiziggez, liema delitt sar bl-aggravanti tal-Artikolu 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 495165M) sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmillha hsara;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikrostanzi u kif ukoll fil-granet u xhur ta' qabel l-imsemmija data f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 495165M) u lil minuri Katriel Zammit (ID No. 368103L) biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;
6. U aktar talli kiser ordni ta' probation moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. N. Galea Sciberras) fit-12 ta' Dicembru, 2013.
7. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija barra l-piena skont il-ligi tapplika l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xieraqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna wkoll lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti Stuttorja tat-23 ta' Marzu, 2017 fejn l-akkuzat Xandru Kristin Mamo ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu zmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Generali pprezentata fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' April, 2017 fejn iddikjara li ai termini tal- artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-imputat rregistra l-ammissjoni fuq imsemmija, ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati.

Din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni registrata quddiem il-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Marzu, 2017, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, tiddikjara lil Xandru Kristin Mamo hati talli:

Nhar id-19 ta' April, 2014, gewwa l-fond St. Peter & St. Paul Court, Flat 16, Triq Guzeppi Grech, Xaghra, Ghawdex ghal habta tas-sebgha ta' filghodu (7am):

1. Bil-hsieb li joqtol lil Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 495165M) jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt sar bl-aggravanti tal-Artikolu 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 49565M) liema offizi ikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi partijiet tal-gisem, u kif ukoll gab difetti permanenti f'partijiet tal-ghamla tal-gisem tal-imsemmija persuna u dan bi strument li jaqta' u bil-ponta u li jiziggez, liema delitt sar bl-aggravanti tal-Artikolu 222 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 495165M) sabiex jingurjha, idejjaqha jew jaghmillha hsara;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cikrostanzi u kif ukoll fil-granet u xhur ta' qabel l-imsemmija data f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Salvina k/a Silvia Zammit (ID No. 495165M) u lil minuri Katriel Zammit (ID No. 368103L) biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom;
6. U aktar talli kiser ordni ta' probation moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. N. Galea Sciberras) fit-12 ta' Dicembru, 2013.
7. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra.

Semghet ix-xhieda tal-Probation Officer Joseph Mizzi, l-psikjatra Dr. Joseph Spiteri, u dik ta' Father Hilary Tagliaferro limitatament fir-rigward tal-piena.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati Xandru Kristin Mamo.

Ikkunsidrat,

Illi l-akkuzat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, bl-akkuza ewlenija tkun dik tat-tenattiv ta' omicidju u dan meta huwa hebb ghas-siehba tieghu Salvina Zammit quddiem binhom minuri u ikkagjonalha offizi gravissimi meta aggredieha permezz ta' turnavit u imqass, liema turnavit spicca imwahhal fil-kranju ta' rasha, fost diversi griehi ohra. Kien allura bl-intervent f'waqtu tat-tim mediku li assista lil Zammit fejn it-turnavit gie imnehhi f'operazzjoni delikata illi hajjitha giet salvata. Bosta mill-griehi li hija sofriet permezz ta' dawn l-istrumenti li jaqtghu u bil-ponta ser jibqghu marka permanenti f'wicc il-vittma Zammit. Ighid hekk l-espert mediko-legali fuq dawn il-griehi fir-rapport tieghu:

*"Dawn il-lezjonijiet ... huma kollha ta' natura gravi u l-lezjoni penetranti fir-ras hija certament lezjoni ta' natura gravissima.*

Illi madanakollu il-Qorti sejra tqies ir-reat ta'l-offiza gravi u volontarja bhala alternattiva ghal dik tat-tentattiv ta'l-omicidju u allura ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza bil-piena sejra tigi inflitta ghar-reat l-iktar gravi u cioe' dak tat-tentattiv ta'l-omicidju.

Issa l-akkuzat ressaq bhala xhieda lil-psikjatra kuranti tieghu Dr. Joseph Spiteri u lil Father Hilary Tagliaferro li jixhdu fuq il-probelmi li huwa afflitt minnhom l-akkuzat, problemi ta' natura psikjatrici li iwassluh ghal paranoia u depressjoni. Jidher illi l-akkuzat, li anke kellu storja ta' mard mentali fil-familja tieghu, kien afflitt minn dizordni fil-personalita' tieghu li giet aggravvata bit-tehid tad-droga li imbaghad wassluh ghal paranoja u depressjoni. L-imgieba tieghu ghalhekk kienet wahda kaotika u paranojka. Jidher illi illum qieghed jircevi il-kura ghal kundizzjonijiet ta' sahha afflitt minnhom u l-imgieba tieghu imxiet 'il quddiem.

Dan madanakollu ma inehhi xejn mill-gravita ta'l-akkuzi li qieghed jiffaccja l-akkuzat, liema akkuzi huwa ammetta *in toto* u minghajr ma qanqal l-ebda difiza marbuta mal-istat ta' sahha mentali tieghu. Mhux biss izda Dr. Joseph Spiteri fix-xhieda tieghu ighid illi huwa ezamina lill-akkuzat ftit granet qabel ma irregistra l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti u sab illi kellu il-kapcaitajiet kollha li jaghraf u jifhem dak li kien qieghed jaghmel. Di piu' l-akkuzat kiser Ordni ta' Probation imposta fuqu permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-12 ta' Dicembru 2013, liema sentenza madanakollu ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-akkuza tar-recidiva gjaldarba mhijiex kundanna fit-termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Illi ghalkemm huwa minnu ukoll illi l-akkuzat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi serji li qed jiffaccja, madanakollu l-ammissjoni giet irregistrat fit-tmiem il-kumpilazzjoni, ghalkemm din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi tali ammissjoni evitat hafna hela ta' risorsi kemm umani kif ukoll finanzjarji fl-eventwalita li kellu jsir il-guri. Mhux biss izda l-akkuzat ammetta mal-ewwel mal-

pulizija hekk kif gie interrogat il-htija tieghu ghal dan l-event kriminuz meta jishaq illi mar ghand is-siehba tieghu armat bit-turnavit u l-imqass, sgassa il-bieb tal-komun tal-appartament fejn kienet tghix, bl-intenzjoni li anke jisgassa il-bieb ta'l-appartament taghha, izda hekk kif beda isabbat din fethitlu il-bieb u mal-ewwel huwa hebb ghaliha u aggredieha b'mod vjolenti b'dawn l-ghodda li kellu fil-pussess tieghu. Dan l-attakk vjolenti sehh quddiem ghajnejn il-minuri binhom li spicca trawmatizzat wara dan l-episodju u li kien hu li gibed l-attenzjoni ta' missieru ghal dak li kien qed isehh u waqqfu tempestivament milli ikompli bl-attakk bla razan fuq ommu. L-akkuzat isostni illi huwa agixxa b'dan il-mod vjolenti ghaliex kien irrabjat ghal omm ibnu x'aktarx minhabba kwistjonijiet dwar l-access li f'dak iz-zmien kienu ghaddejjin bejn dawn iz-zewg genituri. Il-Qorti ma tista' qatt ghalhekk turi hniena ma' min ihoss illi ghandu juza l-vjolenza kontra l-familja tieghu stess sabiex jikseb dak li jahseb li ghandu dritt ghalih u li jekk ma jehux dan civilment u legalment allura jirrikorri ghall-imgieba vjolenti.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 211(1)(2), 222(1)(a), 202(h)(iv), 251B, 339(1)(d), 17(b)(h) u 533 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil hati Xandru Kristian Mamo ghal piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' ghaxar snin (10) flimkien ma' multa ta' €116.47, kif ukoll tikkundannah ihallas s-somma ta' sitt elef mija u tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€6122.74) , rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Inoltre wara li rat l-artikolu 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tibghat lill-hati quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti tal-Gudikatura Kriminali sabiex jingieb quddiemha bil-ghan li titratta mieghu dwar ir-reat li dwaru huwa tqieghed taht l-Ordni tal-Probation bis-sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 2013.

Taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin illi l-hati jinghata l-kura kollha li ghandu bzonn in konnessjoni mal-kundizzjoni ta' sahha

tieghu kif ukoll illi huwa jigi segwiet minn psikjatra tul il-permanenza tieghu gewwa l-Facilita'.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat.

Inoltre jekk l-ispejjez tal-perizja ma jithallsux fi zmien hmistax-il jum mid-data tas-sentenza jigu konvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna notifika ta' din id-decizjoni lid-Direttur Facilita Korrettiva ta' Kordin.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur